MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2008

Numru. 822/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Maurice Curmi)**

**v**

**Henri Darmanin ta' 33 sena iben Godfrey Joseph u Mary Giorgina nee Camilleri, imwieled San Giljan fil-11 ta' Settembru, 1969, u residenti Trafalgar, Flat 6 Triq ic-Cern, Bugibba, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 347669 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Henri Darmanin li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer f'dawn l-ahhar snin jigifieri

s-sena 1996, 1997, 1998, 1999, 2000 u fiz-zmien ta’ wara, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

Approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna jew persuni ohra, minn diversi somom ta’flus li globalment jeccedu Lm 8,470 liema somom ta’flus kienu jappartjenu lill-Gvern ta’ Malta u persuni ohra u li gew fdati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, taht titolu illijgib mieghu l-obbligu tar-radd ta’ flus jkew li jsir uzu minnhom specifikat, u cioe li jigu kkonsenjati lil Gvern ta’ Matla u dan bi ksur ta’ l-artikoli 293 u 294 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommajri (fol 37), kif ukoll li l-istess akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri uli ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu (fol 5).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi Henri Darmanin huwa akkuzat bir-reat ta’ misapproprjazzjoni ndebita taht l-artikolu 293 u 294 tal-Kapitlu 9. Tali reat biex ikun kostitwit jirrikjedi l-passagg ta’flus f’idejn l-agent intizi ghal skop legittimu pero’ l-agent injoranti tali skop ghala l-patrimonju gie fdat lilu, jaghmel bih profitt ghalih jew ghal persuni ohra. Fil-fatt Darmanin allegatament gabar flus dovuti lid-Dipartiment tal-VAT li ma hallasx lil dan id-dipartiment.

In sostenn ta’ din l-allegazzjoni l-Prosekuzzjoni esebiet l-istqarrija tieghu – tajjeb issottemettiet id-Difiza f’dan ir-rigward, li barra ghall-fatt li ma gietx iffirmata mill-akkzuat, lanqas ma giet ikkonfermata mill-Ufficjal Investigattiv li hadha jew is-Surgent li kien xehed ghaliha.

Prova ohra migjuba kienet min-naha tad-Dipartiment tal-VAT li esebixxa fotokopja tar-registration form iffirmata minn Henri Darmanin Dok HD3 fol 72, kif ukoll denunzji, anke dawn fotokopji sottomessi mill-Kumpanija Miveda Co. Ltd. iffirmati wkoll minn Darmanin, Dok HD4 fol 75 et sequitur.

Precedentement l-Ufficjal Prosekutur kien ukoll esebixxa kopja tal-Memorandum and Articles tal-kumpanija hawn imsemmija li taghha allura Henri Darmanin huwa direttur (Dok HD1 fol 40).

Aktar tard fil-mori tal-kawza Paul Scicluna, in rapprezentanza tal-VAT Department xehed illi stante tranzazzjoni bejn l-akkuzat u d-Dipartiment, l-istess dipartiment ma kellux interess izjed fil-kawza.

Tenut dan kollu premess, xejn minn dak migjub bhala prova ma jwassal biex jipprova xi element kosituttiv tar-reat in dizamina. Fil-fatt ma gie pruvat qatt li Henri Darmanin gabar xi flus li kellhom jithallsu lid-Dipartiment tal-VAT, lanqas biss qatt gie pruvat min kien Darmanin li rrilaxxa l-istqarrija li ghamel xi registration form jew issottometta xi dokumenti ulterjuri mid-Dipartiment. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li l-akkuzat ma giex pruvati u qed tillibera lil Henri Darmanin mill-effett ta’ l-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------